MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2009

Numru 226/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**vs**

**ANTOINETTE RIZZO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Antoinette Rizzo ta’ 59 sena, bint Joseph Attard u Filomena nee’ Scerri, mwielda Floriana nhar il-05/12/1949, detentrici tal- karta ta’ identita bin-numru 976149M u residenti gewwa 57, St.Joseph Triq Id-Dugh, Marsaskala.

1. Billi giet akkuzata talli fil-10 ta’ Marzu 2009, ghal habta ta’ bejn 10:00hrs u 10:30 ta’ fil-ghodu, gewwa Triq is-Santwarju, Zabbar kif ukoll gewwa l-Ghassa Tal-Pulizija ta’ Haz-Zabbar ingurjat jew heddet, jew ghamlet offiza fuq

il-persuni ta' uhud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghahom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq PC 248 Anthony Axiaq, PC 1603 Mario Muscat u WPC 262 Diane Galea, li hija vjolenza pubblika, li huma persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill awtorita kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 98 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hebbet ghal-persuni ta' PC 248 Anthony Axiaq, PC 1603 Mario Muscat u WPC 262 Diane Galea u kkagunatilhom feriti ta' natura hafifa skond ma ccertifikat Dr. Alexandra Baldacchino MD ta' ic-centru tas-sahha Rahal Gdid, u dan ai termini tal-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisret il-paci pubblika b'ghajjat storbju u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet provi.

Rat l-atti u dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok FPA1 u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tat-18 ta' Marzu, 2009 l-imputata iddikjarat li qeghda tammetti l-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u skuzat ruhha ma' PC 248 Anthony Axiaq, PC 1603 Mario Muscat u WPC 262 Diane Galea presenti fl-Awla dwar l-akkadut.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 95(1), 96, 98, 221(1) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Antoinette Rizzo, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputata, li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u li fis-Seduta tat-18 ta' Marzu, 2009 l-imputata skuzat ruhha ma' PC 248 Anthony Axiaq, PC 1603 Mario Muscat u WPC 262 Diane Galea presenti fl-Awla dwar l-akkadut u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Antoinette Rizzo ghall-piena komplessiva ta' sena (1) prigunerija u hames mija u tnejn u tmenin Euro (Euro 582) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3)

snin millum l-imputata Antoinette Rizzo tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputata Antoinette Rizzo sabiex fi zmien xahar millum thallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' mitejn u tlieta u sittin Euro u erba' u tletin centezmi ta' Euro (Euro 263.34) bhala spejjes inkorsi bin-nomina tal-Espert Dr. Mario Scerri, M.D. f'din il-kawza.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputata Antoinette Rizzo b'obbligazzjoni personali ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmi ta' Euro (Euro 232.94) li zzomm il-kwiet ma' PC 248 Anthony Axiaq, PC 1603 Mario Muscat u WPC 262 Diane Galea u li zzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Antoinette Rizzo l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------